

Brussell, 28 ta' Lulju 2017
(OR. en)

11299/2/17
REV 2

PUBLIC 45
INF 125

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - FRAR 2017

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill fi Frar 2017.¹²

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispeġġazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfin bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument jinsab ukoll fis-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL FI FRAR 2017

It-3516-il laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Affarijiet Barranin) li saret Brussell fis-6 ta' Frar 2017

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2017/203 tas-6 ta' Frar 2017 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PEŠK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 32, 7.2.2017, p. 22–34	5286/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/199 tas-6 ta' Frar 2017 li jimplimenta l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 32, 7.2.2017, p. 1-14	5287/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/248 tas-6 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' kontinwazzjoni taċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija ĠU L 37, 14.2.2017, p. 1-2	8558/16
Il-Ftehim li jkompli ċ-Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija ĠU L 37, 14.2.2017, p. 3-12	12681/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/262 tas-6 ta' Frar 2017 li tiddetermina, għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/811/UE ĠU L 39, 16.2.2017, p. 4-5	15606/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja	5321/17

It-3517-il laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Affarijiet Ġenerali), li saret Brussell fis-7 ta' Frar 2017**ATTI LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/355 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo * min-naħa l-oħra ĠU L 57, 3.3.2017, p. 59-62	56/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: ES, CY, RO

Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Ċipru

Ir-Repubblika ta' Ċipru b'dan tfakkar fil-kontenut tad-Dikjarazzjoni Nazzjonali tagħha li ġiet ippreżentata wara l-approvazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra (Anness II tad-Dokument 13020/15).

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

Ir-Rumanija tfakkar fid-dikjarazzjoni tagħha dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra (dok. 13020/15).

Barra minn hekk, ir-Rumanija tissottolinja li kwalunkwe proċedura b'rabta mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha titqies fid-dawl tad-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq.

Dikjarazzjoni minn Spanja

Il-pożizzjoni ta' Spanja dwar l-adozzjoni tal-Kunsill tad-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo* hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni Spanjola dwar l-istatus internazzjonali tal-Kosovo u hija f'konformità mal-UNSCR 1244/99 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

L-użu tal-bażi legali għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo tal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni Spanjola dwar l-istatus internazzjonali tal-Kosovo u huwa f'konformità mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Il-formulazzjoni li ssemmi l-perspettiva Ewropea tal-Kosovo tista' tinftiehem biss b'haala approssimazzjoni lejn l-UE, mingħajr l-għan aħħari tal-adeżjoni mal-UE, peress li d-dikjarazzjoni unilaterali tal-indipendenza mhijiex rikonoxxuta unanimament.

Regolament (UE) 2017/354 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/936 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn ĠU L 57, 3.3.2017, p. 31-58	54/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/232 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kiribati dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 36, 11.2.2017, p. 1-2	12092/15		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/234 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Federali tal-Mikroneżja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ĠU L 36, 11.2.2017, p. 5-6	9780/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/235 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ĠU L 36, 11.2.2017, p. 7-8	9785/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/225 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Tuvalu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 35, 10.2.2017, p. 1-2	9764/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/233 tas-7 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gżejjer Marshall dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ĠU L 36, 11.2.2017, p. 3-4	9775/16		
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/246 tas-7 ta' Frar 2017 li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen friskju ĠU L 36, 11.2.2017, p. 59-61	5660/17		

Dikjarazzjoni mill-Greċja

Il-Greċja jiddispijaċiha li l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali, għal perijodu temporanju ta' tliet xhur oħra, hija bbażata, fost l-oħrajn, fuq il-preżunzjoni li "għadd importanti ta' migranti irregolari għadhom fil-Greċja u, abbażi ta' tendenzi osservati fl-imgħoddi, l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari ġejjin mill-Greċja, għadhom esposti għal riskji relatati mal-movimenti irregolari tagħhom”.

Il-Greċja tissottolinja li m'hemm l-ebda evidenza konkreta għal movimenti sekondarji mit-territorju tagħha lejn Stati Membri oħra tal-UE. Mill-evalwazzjoni ta' Novembru 2015 'l hawn, il-kontrolli u l-pattulji kollha fil-fruntiera fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha tal-Greċja komplew isiru aktar stretti. Fost l-oħrajn, fil-qafas tal-Operazzjoni Nazzjonali 'SARISA', il-Greċja ħadet il-miżuri kollha meħtieġa f'kooperazzjoni mill-qrib mal-FRONTX biex tipprevjeni u tiskoraġġixxi kwalunkwe tentattiv ta' ħarba mill-kontinent lejn it-Tramuntana, inkluż l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Is-sitwazzjoni qed tiġi mmonitorjata kontinwament u vvalutata bħala sostenibbli.

Barra minn hekk, il-Greċja rnexxielha timplimenta b'mod sħiħ, f'waqt u effettiv fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni tagħha kważi rakkomandazzjonijiet kollha li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni u l-Kunsill kif imsemmi fil-premessa (5). Konsegwentement, il-Greċja tfakkar li l-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jista' jiġi attivat bħala l-aħħar alternattiva u biss meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 21(3) u l-Kummissjoni tqis li l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen jitqiegħed fir-riskju b'riżultat ta' nuqqasijiet serji persistenti relatati mal-kontroll tal-fruntieri esterni.

Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet għall-asil ma jistgħux jitqiesu bħala fattur rilevanti sabiex jiġu estiżi l-kontrolli temporanji fuq il-fruntieri interni u l-Greċja ma tistax tifhem ir-raġunament wara l-affermazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (14) li ħames Stati Membri li jimplementaw kontrolli fuq il-fruntieri interni għandhom jirrapportaw fuq l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-asil riċevuti mill-Istati ta' Schengen.

Il-Greċja tqis li l-estensjoni tal-kontroll fuq il-fruntieri interni fiż-żona Schengen ma tistax tiġi ġġustifikata skont il-bażi legali tal-Artikolu 29 tal-kodiċi ta' Schengen u barra minn hekk fiha nuqqas ta' proporzjonalità.

F'dan il-kuntest, il-Greċja ma tistax taqbel mal-proposta għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Ir-Repubblika tas-Slovenja ma tappoġġax il-proposta tal-Kummissjoni għall-estensjoni tal-kontrolli tal-fruntiera fuq il-fruntiera interna bejn is-Slovenja u l-Awstrija għal tliet xhur oħra.

Il-Kummissjoni Ewropea tiġġustifika l-permess għall-estensjoni ta' kontrolli temporanji fuq il-fruntieri għall-istess Stati Membri u fl-istess taqsimiet tal-fruntieri bil-ħtieġa li tiġi indirizzata b'mod adegwat it-theddida serja għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna relatata mal-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari. Barra minn hekk, il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-ġhadd ta' persuni li jfittxu l-asil fil-Greċja kienu ċċitati bħala raġunijiet għall-proposta tal-Kummissjoni.

Is-Slovenja ma tistax tappoġġa l-estensjoni ulterjuri tal-kontrolli fuq il-fruntieri, speċjalment fir-rigward tal-fruntiera bejn is-Slovenja u l-Awstrija, billi l-fatti rilevanti m'għadhomx jeħtieġu t-tkomplija ta' kontrolli tal-fruntieri u fuq il-fruntieri interni fuq l-art. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ġiet stabbilita u qed twettaq il-kompiti kif previst mill-qafas legali ġdid u d-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija qed tiġi implimentata. Il-Greċja għamlet progress sostanzjali u qed timmaniġġja l-migrazzjoni illegali konsiderevolment aħjar mill-passat, li huwa ppruvat mit-tnaqqis sinifikanti fl-ġhadd ta' migranti illegali li jivvjaġġaw mir-rota tal-Balkani tal-Punent.

Oġġettivament, it-theddid għaż-żona Schengen jista' jiġi ġġustifikat permezz ta' data statistika uffiċjali dwar il-qsim illegali tal-fruntieri, li għandu implikazzjonijiet serji għas-sigurtà interna ta' stat partikolari. L-ġhadd totali ta' persuni li ntbagħtu lura mill-awtoritajiet Awstrijaċi fl-2016, li kien ta' 76 persuna, ma jistax jitqies li jikkostitwixxi bażi biex tiġi sostanzjata tali theddida.

Ir-Repubblika tas-Slovenja qed timplimenta bis-sħiħ l-ordni legali ta' Schengen u ser tkompli tagħmel dan fil-futur. Is-Slovenja tinsab konvinta li ċ-ċirkostanzi attwali m'għadhomx jiġġustifikaw l-intervent radikali fil-valuri fundamentali tal-ordni ta' Schengen fil-forma ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni u għalhekk topponi l-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Filwaqt li tirrikonoxxi li l-pressjoni migratorja fir-rotta tal-Mediterran Ċentrali hija l-akbar sfida għall-Unjoni Ewropea s'issa, l-Ungerija tfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Malta mill-Membri tal-Kunsill Ewropew dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni adottata fit-3 ta' Frar 2017 li tiddikjara li fir-rotta tal-Lvant tal-Mediterran, filwaqt li għad hemm pressjoni, il-wasliet fl-aħħar erba' xhur tal-2016 naqsu bi 98% meta mqabbla mal-istess perijodu tas-sena ta' qabel. L-Ungerija hija tal-fehma li l-proposta dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju qed tipprevedi miżuri fir-rigward tar-rotta prattikament magħluqa tal-Balkani tal-Punent, u għaldaqstant toħloq diffikultajiet bla bżonn u tikkawża piżijiet ekonomiċi u spejjeż kbar għaċ-ċittadini tal-UE u l-operaturi ekonomiċi fir-reġjun. Għalhekk, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tal-proposta.

L-Ungerija tixtieq tfakkar li r-rapporti tal-ħames Stati Membri kkonċernati, dwar ir-riżultati tal-kontroll fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni ma kinux disponibbli preċedentement għal Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni ma fiha ebda ċifra minn daww ir-rapporti. Il-fatti u d-data mogħtija ma jġġustifikaw la n-neċessità u lanqas il-proporzjonalità tal-miżuri proposti u li jinżammu l-kontrolli temporanji fuq il-fruntiera fis-sezzjonijiet speċifiċi tal-fruntieri interni.

L-estensjoni tal-kontrolli interni fuq il-fruntiera f'ċerti sezzjonijiet tal-fruntieri interni la tista' titqies miżura temporanja, u lanqas eċċezzjonali jew proporzjonata u tista' twassal għad-diżintegrazzjoni bil-mod taż-żona Schengen. Fil-fehma tal-Ungerija, il-proposta la hija leġittima u lanqas legalment ġustifikata. Barra minn hekk, tikkawża biss diffikultajiet bla bżonn għal persuni li jgawdu mid-dritt tal-Unjoni tal-libertà ta' moviment.

Proċedura bil-miktub konklużi fit-13 ta' Frar 2017

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/434 tat-13 ta' Frar 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra ĠU L 67, 14.3.2017, p. 1-2	12965/16
Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra ĠU L 67, 14.3.2017, p. 3-30	12966/16

It-3518-il laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) li saret Brussell fis-17 ta' Frar 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/290 tas-17 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2009/935/ĠAI fir-rigward tal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet ĠU L 42, 18.2.2017, p. 17-18	15778/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni mill-Greċja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	6352/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni min-naħa tal-Greċja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	6353/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Greċja fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	6354/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Kroazja fid-dawl tat-twettiq tal-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	6359/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Italja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	6355/17
Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Italja fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	6357/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Italja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	6358/17

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/289 tas-17 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan ĠU L 42, 18.2.2017	15587/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/288 tas-17 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ĠU L 42, 18.2.2017, p. 11-12	5542/17
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/284 tas-17 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe ĠU L 42, 18.2.2017, p. 1-4	5544/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/301 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Saħel ĠU L 43, 21.2.2017, p. 225-230	5458/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/299 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia ĠU L 43, 21.2.2017, p. 214-218	5453/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/300 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Afrika ĠU L 43, 21.2.2017, p. 219-224	5456/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/298 tas-17 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali ĠU L 43, 21.2.2017, p. 209-213	5322/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-investiment fiż-żgħażaġh tal-Ewropa b'attenzjoni partikolari għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ĠU C 62, 25.2.2017, p. 1–2	6340/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd ĠU C 62, 25.2.2017, p. 3-7	6356/17

It-3519-il laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret fi Brussell fl-20 ta' Frar 2017

ATTI LEĠISLATIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/540 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 20/2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerka Ċentrali, min-naħa l-oħra ĠU L 88, 31.3.2017, p. 1-5	61/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza tal-koooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra³ kif emendat mill-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador⁴, ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù, fuq in-naħa l-oħra⁵ u r-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerka Ċentrali, min-naħa l-oħra⁶. Għaldaqstant jaqblu dwar dan li ġej:

- Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, l-Kummissjoni ser tirrapportalu kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni, mill-Kolombja, mill-Ekwador jew mill-Perù, tal-impenji tagħhom fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.
- Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex tinbeda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni għandha teżamina bir-reqqa jekk humiex sodisfati l-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 jew taħt ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 għal inizjazzjoni ex officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfati, hi ser tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jkun jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta' tali investigazzjoni.
- Il-Kummissjoni, sal-1 ta' Jannar 2019, ser tivvaluta s-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni. Jekk jinstab li jkun seħħ deterjorament serju fl-istat tas-suq jew fis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni, tista' tiġi kkunsidrata estensjoni fil-perjodu ta' validità tal-mekkaniżmu, bil-qbil tal-partijiet ta' dan il-Ftehim.

Il-Kummissjoni ser tkompli twettaq analizzijiet regolari tal-istat tas-suq u tas-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni wara l-iskadenza tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni. Jekk jinstab li jkun seħħ deterjorament serju fl-istat tas-suq jew fis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-banana tal-Unjoni, minħabba l-importanza tas-settur tal-banana għar-reġjuni ultraperiferiċi, il-Kummissjoni ser teżamina s-sitwazzjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, u tiddeċiedi għandhomx jiġu kkunsidrati miżuri xierqa. Il-Kummissjoni tista' wkoll issejjaħ laqgħat regolari ta' monitoraġġ mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni żviluppat għodod ta' statistika li jippermettu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tax-xejriet fl-importazzjonijiet tal-banana u tas-sitwazzjoni tas-suq tal-banana tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni speċjali lir-rieżami tal-format tad-data tas-sorveljanza tal-importazzjoni sabiex tagħmel informazzjoni aġġornata regolarment disponibbli b'mod li jkun aktar faċli għall-utent.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

³ ĠU L 354, 21.12.2012, p. 3.

⁴ ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1).

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Avviż tal-Kummissjoni dwar ċertu Artikoli tad-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni legali tal-invenzzjonijiet bijoteknoloġiċi ĠU C 65, 1.3.2017, p. 2-3	5808/17
It-3520 laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fil-21 ta' Frar 2017	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/320 tal-21 ta' Frar 2017 li tawtorizza lil Franza tikkonkludi ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-Ajruport Basel-Mulhouse li jinkludi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE ĠU L 47, 24.2.2017, p. 9-10	5472/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 47, 24.2.2017, p. 7-8	5470/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/328 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Bank of Greece ĠU L 49, 25.2.2017, p. 34-35	5189/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 29/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku - Bidu tajjeb iżda jenħtieġ aktar titjib"	6558/17
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti skont it-TFUE u t-Trattat Euratom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015	5873/17 + ADD 1
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015	5874/17 + ADD 1

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplementa l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerka Ċentrali, min-naħa l-oħra (ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13).

Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015	5875/17 + ADD 1
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015	5876/1/17 REV 1+ ADD 1

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja u n-Netherlands:

B'referenza:

- għar-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fir-rigward tas-sena finanzjarja 2015;
- għall-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2015;
- għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015;

I-Iżvezja u n-Netherlands:

Japprezzaw li l-livell kumplessiv stmat ta' żbalji tjejb meta mqabbel mas-sena li għaddiet, madankollu, jiddispjaċihom li għat-22 sena konsekuttiva, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ma setgħetx tagħti Dikjarazzjoni ta' Aċċertament pożittiva dwar il-baġit tal-UE fl-intier tiegħu u li r-rata ta' żbalji għan-nefqa għadha ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu aċċettabbli ta' 2 %;

Huma tal-fehma li jeħtieġ li ssir aktar diskussjoni dwar kif il-baġit tal-UE jista' jtfassal mill-ġdid biex jappoġġa aħjar il-prijoritajiet politiċi globali, jagħti r-risultati u jwieġeb għal sfidi mhux mistennija, u f'dan ir-rigward jappoġġaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Baġit Iffukat fuq ir-Risultati";

Għal dan il-għan, jappellaw lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal eżami komprensiv tal-infiq bil-għan li sistematikament tevalwa kull qasam fil-baġit tal-UE b'rabta mal-effiċjenza tagħhom, il-valur miżjud tal-UE u l-kontribut li jagħtu għall-prijoritajiet ġenerali tal-UE fit-tħejjija għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

Iħeġġu lill-Kummissjoni biex kontinwament teżamina u tidentifika dawk l-oqsma ta' nfiq fil-baġit tal-UE fejn ma setgħux jinkisbu risultati suffiċjenti u biex tippromponi azzjoni korrettiva. Jenħtieġ li s-sejbiet minn dan l-eżerċizzju jiġu inklużi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-risultati miksuba skont l-Artikolu 318 tat-Trattat biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa dwar l-azzjoni meħuda;

Jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-livelli ta' żbalji jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn oqsma differenti ta' nfiq u jappellaw lill-Kummissjoni biex issegwi r-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza tal-baġit ġenerali tal-2014 tal-UE, biex tipprovdi analiżi tal-oqsma b'livelli persistentement għoljin ta' żbalji skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament Finanzjarju bil-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti l-iżbalji fil-programmi fejn l-aktar li jista' jkun hemm żbalji. Din l-analiżi għandha ssir pubblikament disponibbli biex jiġi żgurata trasparenza u kontabbiltà sħiħa;

Iħeġġu bis-sħiħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw aktar opportunitajiet biex jissimplifikaw ir-regoli u l-qafas regolatorju kumplessi li jirregolaw is-sistemi ta' nfiq u twassil tal-baġit tal-UE għal ġestjoni kondiviża sabiex titjeb il-konformità, kif ukoll biex l-enfasi tkun fuq il-kontrolli tal-ewwel livell bil-għan li l-ħlasijiet isiru b'mod korrett mill-ewwel; u

Iħeġġu bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex tħalli l-livelli massimi ta' ħlas li ġew maqbula unanimament kif inhuma, b'mod partikolari billi: iżżomm id-dixxiplina fiskali fir-rigward tal-impenji; effettivament tiddiżimpenja l-approprijazzjonijiet mhux użati biex tagħmel il-wisa' għal prijoritajiet u programmi ġodda; iżżid it-trasparenza billi tipprovdi tbassir fit-tul, u tiżgura bilanċ bejn l-impenji u l-ħlasijiet.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2018

5877/17

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	6501/17
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (Ajruport ta' Barċellona)	6131/17
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2017 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 58, 23.2.2017, p. 1-1	5376/17
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2017 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 58, 23.2.2017, p. 2-2	5377/17
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2017 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 58, 23.2.2017, p. 3-3	5378/17
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2017 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (il-ħdax-il FEŻ) għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 58, 23.2.2017, p. 4-4	5379/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2016 tal-Qorti tal-Awdituri: "Assistenza ta' qabel l-adeżjoni mogħtija mill-UE għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-Balkani tal-Punent: Metaawditu"	6141/17

It-3521 laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret Brussell fis-27 ta' Frar 2017

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2017/371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni) ĠU L 61, 8.3.2017, p. 1-6	58/16	Maġġoranza kwalifikata	26 Stat Membru favur, 2 mhux jipparteċipaw: IE, UK

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tal-Kunsill

Meta tadotta l-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-par. 4 (a) tal-Artikolu 1a, il-Kummissjoni ser tiżgura, abbażi tal-valutazzjoni tagħha u t-tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar speċifikati mill-Istat(i) Membru/i fin-notifika/i tagħhom, li l-kategoriji koperti huma kbar biżżejjed sabiex jindirizzaw b'mod effikaċi ċ-ċirkostanzi inkwistjoni.

Dawn il-kategoriji jistgħu jinkludu, skont iċ-ċirkostanzi, id-detenturi kollha ta' passaporti ordinarji, tas-servizz jew diplomatiċi mill-pajjiżi terzi ikkonċernat.

F'każ li tirriżulta pressjoni migratorja qawwija minn ċirkustanzi kif deskritti fil-par. 2 (a), (b), (c) tal-Artikolu 1a jew jirriżulta riskju ta' sigurtà għolja miċ-ċirkustanzi kif deskritti fil-par. 2 (d) ta' dak l-Artikolu, il-Kummissjoni ser tinkludi d-detenturi ta' passaporti ordinarji maħruġa mill-pajjiżi terzi ikkonċernat.

Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni ser tkompli tirrapporta skont id-dikjarazzjoni tagħha ta' Novembru 2010 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' segwitu għall-proċessi ta' liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.
2. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, kif iddikjarat fil-premessa (4), għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni żieda sostanzjali tista' tindika żieda iktar baxxa minn livell limitu ta' 50 % jekk applikabbli fil-każ partikolari notifikat mill-Istat Membru kkonċernat.
3. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, kif iddikjarat fil-premessa (5), għall-finijiet tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni, rata ta' rikonoxximent baxxa tista' tindika rata ta' rikonoxximent ogħla minn madwar 3 jew 4 % jekk applikabbli fil-każ partikolari notifikat mill-Istat Membru kkonċernat.

Regolament (UE) 2017/372 Tal-Parlament Ewropew U Tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Georgia) ĠU L 61, 8.3.2017, p. 7-8	64/16	Maġġoranza kwalifikata	26 Stat Membru favur, 2 mhux jipparteċipaw: IE, UK
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/369 tas-27 ta' Frar 2017 li tissottoporti il-metil-2-[[1-(ċikloħeksilmetil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (MDMB-CHMICA) għal miżuri ta' kontroll ĠU L 56, 3.3.2017, p. 210-212	12356/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/346 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ĠU L 50, 28.2.2017, p. 66-69	5447/17		
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/345 tas-27 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 50, 28.2.2017, p. 59-65	15568/16		
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/330 tas-27 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 50, 28.2.2017, p. 1-8	15572/16		
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/348 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo. ĠU L 50, 28.2.2017, p. 75-79	5457/17		

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fid-dawl tar-regoli tat-Trattati, deċiżjoni PESK ma tistax tintuża bħala mezz biex tingħata lill-Kunsill is-setgħa li jadotta deroga mir-regoli tal-akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju billi tali setgħa hija attribwita lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe deroga mir-regoli dwar il-parteciċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist tar-RSUE ma tistax tkun ta' natura ġenerika u mingħajr limitu u għandha tkun iġġustifikata b'mod xieraq f'kull każ speċifiku.

Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet derogatorji dwar l-akkwist fid-Deċiżjoni tal-Kunsill jistgħu jiġu biss interpretati bħala klawnsola purament ta' awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni tkompli teżerċita l-kompetenzi tagħha fl-implimentazzjoni tal-baġit tar-RSUE kif jirriżultaw mit-Trattati u f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tar-Regolament Finanzjarju.

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/347 tas-27 ta' Frar 2017 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina
ĠU L 50, 28.2.2017, p. 70-74

5454/17

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fid-dawl tar-regoli tat-Trattati, deċiżjoni PESK ma tistax tintuża bħala mezz biex tingħata lill-Kunsill is-setgħa li jadotta deroga mir-regoli tal-akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju billi tali setgħa hija attribwita lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe deroga mir-regoli dwar il-parteciċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist tar-RSUE ma tistax tkun ta' natura ġenerika u mingħajr limitu u għandha tkun iġġustifikata b'mod xieraq f'kull każ speċifiku. Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet derogatorji dwar l-akkwist fid-Deċiżjoni tal-Kunsill jistgħu jiġu biss interpretati bħala klawnsola purament ta' awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni tkompli teżerċita l-kompetenzi tagħha fl-implimentazzjoni tal-baġit tar-RSUE kif jirriżultaw mit-Trattati u f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tar-Regolament Finanzjarju.

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/349 tas-27 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)
ĠU L 50, 28.2.2017, p. 80-80

6127/17

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Fid-dawl tar-regoli tat-Trattati, deċiżjoni PESK ma tistax tintuża bħala mezz biex tingħata lill-Kunsill is-setgħa li jadotta deroga mir-regoli tal-akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju billi tali setgħa hija attribwita lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe deroga mir-regoli dwar il-parteciċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist tal-missjoni ma tistax tkun ta' natura ġenerika u mingħajr limitu u għandha tkun iġġustifikata b'mod xieraq f'kull każ speċifiku. Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet derogatorji dwar l-akkwist fid-Deċiżjoni PESK jistgħu jiġu biss interpretati bħala klawnsola purament ta' awtorizzazzjoni. Il-Kummissjoni tkompli teżerċita l-kompetenzi tagħha fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-missjoni kif jirriżultaw mit-Trattati u f'konformità mar-regoli u l-proċeduri tar-Regolament Finanzjarju.

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/350 tas-27 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusja ĠU L 50, 28.2.2017, p. 81-81	6347/17
Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/331 tas-27 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja ĠU L 50, 28.2.2017, p. 9-10	6343/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2017	5689/17
Dikjarazzjoni mill-Ungerija L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa taw xhieda ta' kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-Ungerija tibqa' żżomm l-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Ungerija turi impenn kbir rigward l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll rigward l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi. L-Ungerija tinnota, li t-terminu "saħħa u drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR)" u kwistjonijiet relatati, bħal "drittijiet sesswali", "edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità", "metodi moderni ta' kontraċezzjoni", "kontraċezzjoni ta' emerġenza", jonqoshom definizzjoni kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha. L-Ungerija tirrifjuta bil-qawwa kull forma ta' diskriminazzjoni jew vjolenza abbażi ta' kwalunkwe raġuni jew status, inkluż abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (SOGI). Fil-frattemp, l-Ungerija tirriżerva d-dritt sovrani tagħha li tiddefinixxi l-ambitu personali u l-kontenut tar-relazzjonijiet familjari u taż-żwieġ b'mod konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha. L-Ungerija tqis li huwa estremament importanti li l-mandat u l-attivitajiet imwettqa mill-Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti l-ġdid dwar SOGI josservaw id-dritt internazzjonali u l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment.	

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Bil-volontà li tiġi żgurata l-adozzjoni fil-waqt tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2017, il-Kroazja taderixxi mal-ispirtu ta' kunsens; iżda nixtiequ nippreżentaw dikjarazzjoni fil-kapaċità nazzjonali tagħna.

Il-Kroazja ser tkompli tippromwovi l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li l-bnedmin kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod effettiv minn dawn il-prinċipji. Il-Kroazja tagħti importanza speċjali lill-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u lill-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li flimkien mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jiffurmaw il-bażi essenzjali tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem.

Fir-rigward tal-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, il-Kroazja hija determinata li tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza u l-persekuzzjoni tal-Insara u minoritajiet reliġjużi oħra f'pajjiżi fejn il-libertajiet reliġjużi ma jiġux rispettati għalkollox, speċjalment fil-Lvant Nofsani.

Il-ħidma u l-ambitu tal-attivitajiet ta' kull detentur ta' mandat ta' Proċedura Speċjali, speċjalment l-Espert Indipendenti tan-NU l-ġdid dwar SOGI, għandhom isiru f'konformità totali mad-dritt internazzjonali u mad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti internazzjonalment. Il-pożizzjoni tagħna hija li m'hemmx bżonn li jiġi individwat xi wieħed mid-detenturi ta' mandat ta' Proċedura Speċjali għax huma kollha jwettqu xogħol fl-oqsma rispettivi tagħhom tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kroazja ser tagħti attenzjoni speċjali lill-promozzjoni u l-protezzjoni tal-familja tradizzjonali, ibbażata fuq żwieġ definit bħala unjoni bejn mara u raġel, bħala n-nukleu naturali u fundamentali tas-soċjetà.

Il-Kroazja tinnota li t-terminu "saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi" jonqos definizzjoni konsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. F'dak is-sens, il-Kroazja tinterpreta dan it-terminu fis-sens li ma jinkludix l-abortion.

Il-Kroazja tirriżerva d-dritt tagħha li tippromwovi dawn il-pożizzjonijiet fil-fora multilaterali kollha fil-kapaċità nazzjonali tagħna.

Dikjarazzjoni mill-Polonja (dwar il-paragrafi 23 u 25)

Il-Polonja tirrifjuta kull tentattiv ta' diskriminazzjoni kontra xi persuna fuq kwalunkwe bażi, inkluż l-orjentazzjoni sesswali, u tikkumbatti kull tentattiv li tintuża vjolenza kontra persuni LGBT. Fl-istess waqt, aħna nemmnu li l-ħolqien tal-mandat ta' espert indipendenti dwar il-protezzjoni kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru kellu jiġi ttrattat b'mod li jiffavorixxi l-elaborazzjoni ta' eżitu kunsenswali. Peress li dan ma kienx il-każ, il-Polonja ma tistax taqbel ma' kwalunkwe lingwa li tilqa' l-istabbiliment, b'mod dirett jew indirett, tal-mandat tal-espert indipendenti msemmi hawn fuq.

Il-Polonja tibqa' żżomm l-impenji tagħha li tirreaġixxi għall-isfidi sabiex tinkiseb ugwaljanza totali bejn in-nisa u l-irġiel. Ftehimiet internazzjonali jiggwidawna f'dan ir-rigward, madankollu l-istrumenti internazzjonali ma jindirizzawx il-kwistjonijiet sinifikanti kollha. Billi t-terminu "saħħa u drittijiet sesswali u riproduttivi" jonqos definizzjoni rikonoxxuta internazzjonalment, il-Polonja tinterpreta l-ambitu tiegħu b'mod allinjat mal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.

It-3522 laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Ambjent) li saret fi Brussell fit-28 ta' Frar 2017**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/470 tat-28 ta' Frar 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' orijini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea ĠU L 73, 18.3.2017, p. 1-2	5769/17
Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' orijini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea	5803/17
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/471 tat-28 ta' Frar 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' orijini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea ĠU L 73, 18.3.2017, p. 3-4	5804/17

Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea	5814/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri	6483/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ĠU L 64, 10.3.2017, p. 1–3	7592/16
Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook	7594/16
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE. Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija il-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżomm il-proposta inizjali tagħha.	
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, għat-tiġdid tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau	5716/17
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/435 tat-28 ta' Frar 2017 fuq il-konklużjoni tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ĠU L 67, 14.3.2017, p. 31-32	16894/11
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Konfederazzjoni Żvizzera	6767/17